MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Talba Numru. 363/2010

Carmelo Cilia (Id. 668855M).

Vs

Alfred Abdilla (Id. 488965M) u George Abdilla u martu Lorenza Abdilla (Id. 70669M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u disa u tletin centezmu (€2,329.39) minghand il-konvenuti, rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut skond kuntratt in atti tan-Nutar Antoine Agius tal-24 ta’ Lulju 2008. Bl-imghax legali mill-15 ta’ Gunju 2008 u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-10 ta’ Settembru 2009, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-konvenuti tal-10 ta’ Marzu 2010 fejn ammettew it-talba attrici kif dedotta kontra taghhom.

Ghaldaqstant, in vista tal-ammissjoni tal-konvenuti, t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici, u jikkundanna l-konvenuti jhallsu l-attur is-somma ta’ elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u disa u tletin centezmu (€2,329.39), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------